

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010

2. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iwaqqfu, qabel ma jinfetħu n-negozjati dwar ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet tas-Sajd Reġjonali li għandha titwettaq mill-UE, l-iskemi meħtieġa biex jiżguraw il-parteciġazzjoni xierqa fihom mill-osservaturi tal-Parlament;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral.

---

**Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0368

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (COM(2010)0085 – C7-0086/2010 – 2010/0054(COD))**

(2012/C 70 E/21)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0085),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0086/2010),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tad-29 ta' April 2010 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-13 ta' Ottubru 2010 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit skont l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0263/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 145, 3.6.2010, p. 4.

L-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010

**P7\_TC1-COD(2010)0054**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Ottubru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1081/2010.)

ANNEX

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni se tindirizza l-kwistjoni tal-istrument tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-ħsieb li tintegrah fil-baġit tal-Unjoni fil-qafas tal-proposti tagħha relatati mal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss."

**Emenda tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Uffiċjali Oħra ta' dawn il-Komunitajiet \*\*\*I**

P7\_TA(2010)0369

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Uffiċjali Oħra ta' dawn il-Komunitajiet (COM(2010)0309 – C7-0146/2010 – 2010/0171(COD))**

(2012/C 70 E/22)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0309),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-Kummissjoni ressqet proposta lill-Parlament (C7-0146/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Ottubru 2010, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.